MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Rikors Numru. 55/1999/3

**Philippa Briffa, Marianna Frendo, Agnes D'Anastasi**

**Vs**

**Carmelo Agius u Josephine Calleja**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-kontendenti Philippa Briffa, Marianne Frendo, Agnes D'Anastasi, Carmelo Agius u Josephine Calleja, ahwa Agius jigu ulied Paolo u Antonia mizzewgin Agius;

Premess illi l-imsemmija Paolo Agius miet fil-21 ta’ Frar 1985 (Dok A);

Premess illi l-imsemmija Antonia Agius mietet fis-16 ta’ Ottubru 1984 Dok B;

Premess illi l-kontendenti huma eredi fi kwoti indaqs bejniethom u cioe’ parti wahda minn hamsa (1/5) kull wiehed u wahda mill-kontendenti;

Premess illi d-defunti fuq imsemmija ghamlu zewg (2) testmenti “unica charta” maghmula atti Nutar George Bonello du Puis tal-14 ta’ Dicembru 1975 u 11 ta’ Awissu 1984 (Dok C u Dok D);

Premess illi mit-testmenti imsemmija jirrizulta diversi legati u prelegati fosthom dawk mhollija favur il-konvenuti sabiex dawna jiehdu certi propjetajiet immobbiljarji akkont ta’ sehemhom;

Premess illi l-konvenuti qatt ma ghamlu debita talba ghall-legati u prelegati imsemmija;

Premess illi l-konvenuti ma jistghux aktar jitolbu l-legati u prelegati imsemmija billi idekorra z-zmien relattiv ta’ l-preskrizzjoni;

Premess illi l-kontendenti ghad ghandhom diversi propjeta mobbli u immobbli in komunjoni bejniethom inkluz il-propjetajiet li kienu mhollija bil-legati u prelegati imsemmija (liema legati u prelegati illum spiccaw);

Premess illi l-kontendenti ma ftehmux dwar qasma bonarja u l-atturi ma jrridux li jibqghu aktar fi stat ta’ komunanza;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddikjara illi l-konvenuti ma jistghux jitolbu aktar il-legati u prelegati imsemmija fit-tesmenti “unica charta” maghmul atti Nutar George Bonello du Puis tal-14 ta’

dicembru 1975 u 11 ta’ Awissu 1984 billi d-dritt l-istess legati u prelegati huma estinti bl’gheluq taz-zmien relattiv ta’ l-preskrizzjoni;
2. Tiddikjara illi l-propjetajiet kollha illum posseduti in kommunjoni bejn il-partijiet komprizi dawk li kienu imhollija fil-legati imsemmija huma posseduti kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) indiviza kull wiehed u wahda mill-kontendenti;
3. Tillikwida l-assijiet ereditarji ta’ Paola u Antonia konjugi Agius, inkluz il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom;
4. Taqsam l-assijiet rispettivi hekk likwidati f’porzonijiet ta’ valur ugwali bejn il-kontendenti okkorendo n-nomina ta’ perit ghall-likwidazzjoni, divizjoni u stimi ta’ licitazzjonijiet mehtiega;
5. Tassenja l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi lil-kontendenti skond pjan ta’ divizjoni maghmul mill-perit imsemmi;
6. Tinnomina Nutar Pubbliku jew delegat tieghu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-kuntratt relattiv u tiffissa data, hin u lok ghall-istess;
7. Tinnomina kuraturi biex jirrappresentaw lill-eventwali kontumaci;
8. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skond ir-rizultanzi ta’ l-kaz a tenur ta’ l-ligi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet Phyllis Briffa et vs Carmelo agius numru 4455/98 MI. kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u biex jixhdu.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 53 tal-process fejn qed jeccepixxu:

1. Illi l-ewwel zewg talbiet tal-attur huma nfondati billi l-esponenti ilhom ghal hafna snin jippossiedu tal-legati ossia prelegati lilhom imhollijin fit-testment tal-genituri taghhom, u ghal dawk it-talbiet tosta l-preskrizzjoni tal-artikolu 2140 tal-Kap. 16.

2. Illi ghalhekk l-assi li ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet ma jinkludix is-sostanzi imhollijin lill-esponenti b'legat.
**3.** Illi salv il-premess, l-esponenti ma jopponux id-divizjoni jew jekk inhu l-kaz il-licitazzjoni, u qatt ma opponew id-divizjoni bonarja tal-propjeta' komuni, anzi kienu l-atturi li sfrattawha , u ghalhekk l-esponenti ma ghandhomx ibatu ebda spejjez ta' din il-kawza.

**TALBA U ECCEZZJONI**

Il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni.

Fl-ewwel talba taghhom l-atturi talbu li dina l-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti ma jistghux jitolbu aktar il-legati u prelegati msemmija fit-testmenti "unica charta" maghmulha atti Nutar George Bonello du Puis tal-14 ta' Dicembru 1975 u 11 ta' Awissu 1984 billi d-dritt ghall istess legati u prelegati huma estinti bl'gheluq taz-zmien relattiv ta' l-preskrizzjoni. Dan skond l-artikolu 845 Kap 16 tal Kodici Civili li jipprovvdi li "l-azzjoni biex jintalab wirt jew legat…..tispicca bl-eghluq ta' 10 snin mill-ftuh tas-successjoni".

Il-konvenuti qed jeccepixxu li dina t-talba hija nfondata billi huma ilhom ghal hafna snin jippossiedu tali legati ossia prelegati lilhom imhollijin fit-testment tal-genituri taghhom, u ghal dik it-talba tosta l-preskrizzjoni tal-artikolu 2140 tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jipprovvdi li kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprejta' jipposjedi haga mmobbli ghal zmien ta' 10 snin jakkwista l-proprjeta' taghha. Jekk imbaghad it-titolu jkun gej minn att li, skond il-ligi, ghandu jkun inskritt fir-Registru Pubbliku, iz-zmien mehtieg ghall preskrizzjoni ma jibdiex miexi hlief mill-jum ta' l-iskrizzjoni ta' dak l-att.

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed jissottomettu li l-preskrizzjoni ta' 10 snin ma tapplikax f'dana l-kaz u ma taghmilx sens billi l-10 snin mill-mewt tad-decujus jiskadu qabel l-10 snin mill-apertura tas-successjoni tad-decujus. Kwantu ghat-talba ghad-divizjoni dina mhiex preskrivibbli billi kull kompropretarju jista' dejjem jitlob il-qasma (ara Art 496 Kap 16. )

Il-konvenuti qed jissottomettu li Josephine Calleja ilha tipposjedi l-ghalqa Tal Plieri minn meta tgharset, cjoe qabel in 1979, u minn dak iz-zmien 'l hawn dejjem hadmitha bhala propjetarja. Inoltre bit-testment unica charta tal-genituri tal-11 ta' Awissu 1984 dina l-ghalqa, li kienet parafernali tal-omm, giet legata lill Josephine Calleja bl-obbligu li thallas lill hutha Lm80 kull wiehed. Pawlu Agius, missier il-kontendenti, kien irregistra mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, dina l-ghalqa fuq isem ir-ragel ta' Josephine Calleja. Calleja kienet hallset lill hutha it-Lm80.

Carmelo Agius ilu jippossjedi bhala propjetarju r-razzett Tal-Barrakki minn meta miet missieru cjoe mill-21 ta' Frar 1985.

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-atturi ma kellhomx il-possess tal-fondi legati lill konvenuti u ma kienx hemm ghalfejn li l-konvenuti jigu immessi fil-pussess billi huma diga kellhom pussess tal-fondi legati.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

L-iskop principali ta' l-immissjoni fil-pussess huwa li jistabbilixxi definittivament li l-legatarju accetta l-legat lilu mholli (ara Cassar vs Hare Vol 25 p1 p 659 tad-19 ta' Novembru 1923; Ricci Vol 3 p 870 et; u App Borg vs Vella 3 ta' Mejju 1995). L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament. Tinghata tacitament meta l-legatarju jiehu materjalment pussess tal-legat u l-eredi ma jaghmlux opposizzjoni (ara PA Sciberras vs Sciberras 21 ta' Marzu 1941). *La disposizone (che il possesso deve essere domandato all'erede) non va intesa con tanto rigore da fare ritenere illegittimo ogni possesso della cosa legata che non sia stato*

*materialment preceduto da una formale domanda del legatario all'erede, qualunque sia il modo in cui tale consenso sia stato manifestato. E' stato ritenuto bastare che un legatario fosse da lungo tempo in possesso dei beni legati per potere dire aversi la prova di un rilascio volontario dell'erede. (Vol 28 p 2 p 271). Per conseguire il possesso della cosa legata non e' necessario che il legatario proponga la relativa azione in giudizio, non essendo vietato all'erede d'immettere stragiudizialmente il legatario nel possesso della cosa legati (Ricci part ii pagna 878).*

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DINA L-QORTI**

L-iskop principali ta' l-immissjoni fil-pussess huwa li jistabilixxi definittivament li l-legatarju accetta l-legat lilu mholli. F'dan l-kaz iz-zewg prelegati mhollija lill konvenuti, kienu diga fil-pussess tal-legatarji minn meta mietu t-testaturi. Il-konvenuti urew bic-car li huma kienu qed jaccettaw u jippossjedu dina l-proprjeta bhala sehemhom imhollija fil-wirt.

Jirrizulta li tul il-perjodu kollu minn meta mietu l-genituri sakemm saret dina l-kawza, l-atturi ma kienu hadu ebda passi legali kontra l-konvenuti biex dawn jirritornaw fl-eredita' l-pussess ta' dawn iz-zewg legati.

F'dan il-kaz il-Qorti trid tezamina jekk l-atturi kienux jafu li l-konvenuti kienu qed jippossjedu l-proprjeta' bhala legatarji u jekk kienx hemm opposizzjoni da parti taghhom ghal tali pussess.

Skond il-gurisprudenza fuq citata mhux necessarjament trid issir talba gudizzjarja biex wiehed jigi immess fil-pussess tal-legati imholli. L-immissjoni tista' tkun espressa jew tacita.

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li kien hemm immissjoni fil-pussess tacitu da parti ta' l-atturi. Il-provi prodotti hekk jindikaw.

Il-konvenuta Josephine Calleja xehdet li l-ghalqa, ghal aktar minn ghoxrin sena, kienet ghandha u dejjem hadmitha. Il-genituri taghha kienu halluhila bhala kumpens talli kienet hadmet id-dar, mentri hutha marru jahdmu barra (ara testmenti a fol. 11 u 15 tal-1975 u 1984). Hi tghid li l-attrici Philippa Briffa kienet qaltilha li kienet taf li l-ghalqa Tal Plieri kienet taghha pero l-flus (Lm80 li kienet offritilha skond it-testment tan-1984) kienet tehodhom meta jinqasam il-wirt (ara fol. 184).

Leonard Calleja, r-ragel tal-konvenuta, xehed li minn meta tgharrsu l-ghalqa kienet ippossjeduta minn martu u dejjem hadimha akkont taghha minghajr tfixkil. Fil- 21 ta' Frar 1984 missier il-konvenuta, Pawlu Agius kien qaleb, bil-kunsens ta' martu, dana r-raba minn fuq ismu ghal fuqu (ara wkoll ix-xhieda ta' Alfred Farrugia).

Carmelo Agius xehed li r-raba, li miss lilu bi prelegat, hadmu dejjm hu minn meta kien zghir, u thalla lilu bit-testment mill-genituri tieghu (ara testment tal 11 ta' Awissu 1984 artikolu 5) biex jikkumpensawh ta' kemm kien hadem ir-raba d-dar.

Dawn it-testmenti ma gewx kontestati gudizzjarment.

Il-konvenuti gabu provi biex juru li l-atturi kienu jafu li dawn iz-zewg ghelieqi kienu thallew lilhom b'legat. L-atturi ma kienux fixkluhom fil-pussess ta' dawn iz-zewg legati izda nqalghu xi diffikultajiet dwar il-qsim tal-wirt u pretenzjonijiet ohra da parti ta' l-attrici Briffa u l-atturi riedu jaghmlu d-divizjoni tal-wirt, izda ma ntlahaqx ftehim kif ser jipprocedu. Kien f'dan l-istadju li bdew jissemmew il-legati. L-atturi hadu l-posizzjoni li jekk ma ssirx id-divizjoni tal-wirt kollu, l-konvenuti ma jiehdux il-legati. Huma riedu ghalhekk li kollox isir f'daqqa.

Qabel dana z-zmien l-atturi kienu qablu li l-konvenuti kellhom dritt ghall legati mhollija lilhom. Jirrizulta per ezempju mill-ittra li kien baghat Dr. J. Galea Debono ghan nom ta' l-atturi lill konvenut Carmelo Agius fil-1994 (ara fol. 90) li l-atturi kienu jaqblu li dak li thalla b'legat lilu jigu moghti u kkunsinjat, izda fl-istess hin huma riedu li jsir

ftehim fuq l-assi kollha tal-ġenituri tagħhom li kienu għadhom in komun.

Skond il-konvenuti l-atturi kienu jafu b'dawn il-legati għax huma kienu irtiraw kopja tat-testment mingħand in-Nutar Dr. Bonello Dupuis.  Josephine Calleja xehdet (ara fol. 223) li hija kienet marret ma l-atturi l-oħra tas-Sliema l-uffiċċju tan-Nutar biex jurihom it-testment tal-ġenituri u Miriam kienet ġabret kopja tat-testment.

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti għad għandhom dritt għall legati mħollija lilhom konsegwentement l-ewwel talba ta' l-atturi ma tistax tintlaqa'.

**DEĊIŻJONI**

Għal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeċiedi billi
tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens li l-konvenuti għad għandhom dritt għall legati mħollija lilhom mill-ġenituri tagħhom,
u tiċħad l-ewwel talba ta' l-atturi
spejjeż riservati għad-deċiżjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------